**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 26 ta' Mejju 2016**

Rikors Guramentat Nru. 106 / 15RGM

Kawza fil-lista: 17

**A B**
**vs**
**C D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur fit-18 ta’ Mejju 2015 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-esponenti u l-intimata C D E kellhom relazzjoni extramatrimonjali bejniethom, b'dana illi kienu jghixu flimkien sa minn bejn wiehed u iehor Marzu ta' 1-2012, u liema relazzjoni giet terminata f’Jannar tas-sena 2015;

2. Illi minn din ir-relazzjoni, nhar is-27 ta' Jannar tas-sena 2013, twieled il-minuri F B, dan kif jidher mic-Certifikat tat-Twelid relattiv;

3. Illi tul iz-zmien li l-esponenti u l-intimata C D E kienu jghixu flimkien, partikolarment wara t-twelid tat-tifel taghhom F, l-intimata kienet regolarment tabbuza b'konsum eccessiv ta’ alkohol, b'rizultat ta' liema hija kienet titlef kull kontroll fuq l-agir taghha u sahansitra ssir aggressiva hafna;

4. Illi l-intimata kienet regolarment tohrog, minn dak li kienet tghid lir-rikorrent mal-hbieb taghha, u kienet tasal lura d-dar fis-sakra u b'riha qawwija ta'

alkohol, il-mixja taghha mxengla, u tgerfix kbir fil-kliem taghha, b'dana illi omm ir-rikorenti kien ikollha tissejjah sabiex tigi ghall-minuri F sabiex ir-rikorrenti ikun jista jiehu hsieb lill-intimata;

5. Illi kien hemm istanzi li l-intimata kienet sahansitra tidhol lura d-dar fis-sieghat kmieni ta' filghodu wara lejl barra u meta r-rikorrenti kien isaqsi dwar il-hinijet u fejn kienet tkun hija kienet tirrispondi illi ma kinitx tkun taf u/jew tiftakar x'kien ikun gara matul il-lejl;

6. Illi r-rikorrenti ilu ma jkollu komunikazzjoni ma' l-intimata sa mill-bidu ta' Frar tas-sena 2015 hlief b'messaggi illi hija gieli kienet tibghat darba fil-gimgha u li llum inqattghu ghal kollox;

7. Illi ghar-rigward tal-minuri F, l-intimata kienet sempliciment tibghat messaggi lir-rikorrenti sabiex tistaqsih kif jinsab l-istess minuri, u ghal liema messaggi r-rikorrenti dejjem kien irrisponda;

8. Illi l-minuri ilu taht il-kura u l-kustodja esklussiva tar-rikorrenti sa mill-bidu ta' Frar tas-sena 2015;

9. Illi C il-fatti kif hawn dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza tar-rikorrenti.

Huwa ghalhekk li l-attur qieghed jaghmel din il-kawza sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirregolarizza l-kwistjoni ta' kura, kustodja u access, il-manteniment u l-beneficcji socjali tal-minuri F B u taghmel dawk ir-rakkomandazzjonijiet kollha illi jidhrilha xierqa fl-ahjar interess ta' l-istess minuri;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti, in vista ta' dak kollu fuq premess, jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri F esklussivament lilu b'dana illi d-decizjonijiet kollha li jolqtu lill-minuri jittiehdu minnu biss, partikolarment decizjonijiet illi jolqtu l-edukazzjoni, is-sahha u r-religjon tal-minuri;

2. Tiffissa retta alimentari xierqa pagabbli mill-intimata favur ir-rikorrenti bhala manteniment ghall-minuri F B;

3. Tiddikjara illi kwalunkwe beneficcju socjali in konnessjoni mal-minuri F B, inkluz childrens allowance, ikun percepibbli esklussivament mir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimata minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat li ghalkemm debitament notifikata, l-konvenuta naqset milli tressaq risposta guramentata u hija ghalhekk kontumaci.

Rat il-provi mressqa mill-attur.

Rat ir-rikorsipprezentat mill-attur fis-7 ta' Marzu 2016 li permezz tieghu irrileva li ma hemmx il-htiega li jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet u li qed jistrieh fuq il-provi pprezentati minnu.

Rat li ghalkemm permezz tad-digriet tad-9 ta' Marzu 2016, il-konvenuta nghatat xahar zmien sabiex tipprezenta nota ta' osservazzjonijiet, ebda nota ma giet ipprezentata minnha.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Provi**

**L-attur** jixhed bil-mezz tal-affidavit.[1] Jispjega fid-dettal id-diffikultajiet li ghadda minnhom waqt ir-relazzjoni tieghu mal-konvenuta. Jghid li dhul is-sajf tas-sena 2012, hu u l-konvenuta kienu bdew jghixu flimkien u f'Jannar ta' l-2013 twieled it-tifel taghhom F.

Jispjega li l-konvenuta kienet tixrob hafna xorb alkoholiku u b'rizultat ta' dan kienet spiss titlef il-kontroll tal-agir taghha u ssir aggressiva u sahansitra vjolenti u kien ghalhekk li f'Jannar 2015 ir-relazzjoni taghhom spiccat.

Jghid li nhar il-15 ta' Settembru 2014 fl-ghaxija huwa rritorna d-dar wara gurnata xoghol u sab lill-konvenuta fis-sakra u f'burdata aggressiva u bdiet thedded u tghajjar fuq affarijiet li ma jaghmlux sens. Jghid li hu cempel lil ommu biex tmur tigbor lit-tifel u cempel lill-isptar Mount Carmel biex jitlob direzzjoni ghaliex il-konvenuta bdiet taqta` l-polz taghha stess bis-sikkina. Jghid li din kienet it-tieni darba li ghamlet hekk quddiemu. Jesebixxi ritratti (Dok A a fol 16) li juru l-istat li kienet tkun fih hi u l-istat li kien ikun fih il-post meta kienet tkun fis-sakra.

Jghid li spiss it-tifel kienet tiehu hsiebu ommu specjalment f'sitwazzjonijiet meta hu kien ikollu jiehu hsieb lill-konvenuta. Jghid li ommu kienet u ghadha tghinu hafna u sa ftit ilu kienet theggeg il-kuntatt bejn it-tifel u ommu.

1 Fol 13

L-attur jghid li l-konvenuta kienet qabdet il-vizzju li tohrog flghaxija, generalment nhar ta' Sibt, u tirritorna f'hinijiet differenti l-ghada filghodu. Jghid li kien ghamel minn kollox biex isalva r-relazzjoni, kien anke mar l-Appoog biex jara x'jista` jaghmel biex jikkonvinciha tersaq ghall-ghajnuna u kien mar ghal xi *sessions* wahdu is-Sedqa Alcohol Team.

Jispjega li r-relazzjoni taghhom sfaxxat ghal kollox meta fl-1 ta' Frar 2015 hija kienet irritornat fit-8 ta' filghodu mill-lejl ta' qabel. Hu qalilha li ma jridhiex aktar u hi telqet minghajr reazzjoni. Hi qaltlu li ma tiftakarx ma' min kienet, fejn kienet u x'gara. Jghid li darba minnhom kienet giet lura wara lejl barra b'feriti f'wiccha u grif li kienu jindikawlu illi kellha xi tghid ma' xi hadd.

Jghid li l-ahhar messagg li rcieva minghandha biex tara lit-tifel kien fil-15 ta' Mejju 2015, izda kienet hassret zewg appuntamenti li fihom kellha tarah u l-ahhar darba li rat lill-minuri kien fl-24 ta' April 2015 ghand omm l-attur.

Jesebixxi wkoll kopja ta' rapport imhejji minn Dr Jimmy Farrugia[2] li jghid li ghalkemm kienu avzati z-zewg genituri tal-minuri, l-attur biss attenda l-laqgha ic-Child Development Assessment Unit.

Jispicca billi jghid li ghalkemm ma jixtieqx li ibnu jitlef l-opportunita` li jsir jaf lil ommu fi tfulitu, ma huwiex ta' gid ghalih illi jigi soggett u espost ghat-tip ta' hajja li tghix il-konvenuta bl-influwenza tal-alkohol.

L-attur ressaq ukoll it-testimonjanza bl-affidavit ta’ ommu, **Anna Camilleri**.[3] Tghid li t-tifel taghha kien iltaqa` mal-konvenuta ghall-habta ta' Marzu 2013 u wara ftit kienu marru jghixu flimkien, Tghid li hi ltaqghet maghha f'Lulju ta' dik is-sena meta l-konvenuta kienet ga tqila. Tghid li dak iz-zmien il-partijiet ghamlu xi zmien jghixu ghandha ghaliex il-konvenuta kellha incident u ghamlet zmien fuq il-*wheelchair* u tghid li zviluppat relazzjoni close maghha.

Tghid li f'Jannar 2013 twieled il-minuri. Maz-zmien bdiet tinduna li kellhom il-problemi rizultanti mill-fatt li l-konvenuta kienet tixrob u tabbuza sew mill-akohol u spiss kienet tkun fis-sakra. Tghid li kemm-il darba kellha tmur tigbor it-tifel ghaliex binha kien ikollu jdur bil-konvenuta, izda l-aghar wahda kienet fl-14 ta' Settembru 2014 meta tat it-tifel lil ohtha u hi u r-ragel taghha hadu lill-konvenuta l-PolyClinic ta' Rahal Gdid u minn hemm haduha l-isptar bl-ambulanza. Meta

2 Dok B a fol 17
3 Fol 22

harget mill-isptar ma rritornatx id-dar u baqghet xi gimgha ghand il-hbieb qabel marret lura ghand l-attur.

Tirrakkonta kif wara li l-konvenuta kienet telqet mid-dar minn mal-attur, hija kienet baghtitilha messagg biex tiggustifika l-fatt li harget il-lejl kollu s-Sibt u qaltilha: *"I left F with A. I told him to call me if he wanted me to come back. F was fine when I left. Saturday is my only day I go out. Same as A goes out on Wednesday. I'm entitled to that at least..."*

Tghid li hi kienet dejjem tinkoragixxi li l-minuri jkollu relazzjoni ma' ommu, u anke wara li l-partijiet temmew r-relazzjoni taghhom hi baqghet tikkomunika mal-konvenuta. Il-konvenuta kienet turi x-xewqa li tara lit-tifel izda spiss kienet tikkancella u tibaghtilha messaggi biex tiggustifika lilha nifisha. L-ahhar darba li l-konvenuta rat lit-tifel kien ghandha fl-24 ta' April 2015. Minn dakinhar kull meta ftehmu biex il-konvenuta tara lit-tifel, din dejjem hassret l-appuntament.

Tghid li fl-24 ta' April 2015 il-konvenuta tatha €300 bhala ghajnuna ghall-ispejjez tat-tifel u fis-26 ta' Frar 2015 meta kienet marret tara lit-tifel l-ewwel darba kienet tatha €200. Tghid li kien hemm erba' okkazjonijiet fejn kienu ftehmu li l-konvenuta tara lit-tifel izda din kienet ikkancellathom.

Tghid li ghalkemm jidher li tixtieq tara lit-tifel, il-konvenuta kienet ilha x-xhur ma tarah u ma taghmel ebda impenn serju biex tarah.

Waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali Dr Anna B tal-5 ta' Frar 2016,[4] jixhed **Joseph Saliba rapprezentant tal-ETC** li ipprezenta l-*employment history* tal-partijiet. Jghid li skont ir-records taghhom, il-konvenuta ma tahdimx.

Tixhed ukoll **Joanna Bartolo mill-Bank of Valletta plc** li tghid li fuq il-konvenuta ma sabet xejn.

Jixhed **Darren Mascena mill-Banif Bank** li jghid li fuq il-konvenuta sab kont wiehed li ghadu miftuh u pprezenta Dok Banif 1 in rigward.[5]

Tixhed **Audrey Ghigo mill-HSBC (Malta) plc** li tghid li minn ricerka fuq il-konvenuta mill-1 ta' Frar 2012 sas-27 ta' Jannar 2016 irrizulta li l-konvenuta ma ghandhiex kontijiet bankarji.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

4 Fol 39 et seq
5 Fol 42 et seq

Kura u Kustodja

Jinsab assodat illi meta l-Qorti tigi biex taghti decizjoni li tirrigwarda tfal minuri, il-principju basilari illi ghandu jiggwidaha huwa dak tal-aqwa vantagg u l-interess suprem tal-istess minuri.

Kunsidrati c-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz, il-Qorti hi tal-fehma illi huwa fl-interess suprem tal-minuri li l-kura u kustodja tieghu tigi affidata esklussivament f’idejn missieru l-attur.

Gie ppruvat illi l-konvenuta ghandha problema serja ta' abbuz mill-alkohol, li jirrendiha mhux biss aggressiva u vjolenta lejn haddiehor u propensa li twegga` lilha nnifisha, izda wkoll inkapaci illi tiehu hsieb lil binha. Dan kollu jirrizulta car mill-affidavit tal-attur, li jispjega u jiddeskrivi xeni (anke permezz tar-ritratti esebiti) li fihom il-konvenuta, konsegwenza tal-vizzju taghha, titlef il-kontroll u jkollha bzonn assistenza, anke medika. Xenarji C li zgur ma humiex konsoni ma' trobbija sana tal-minuri, f'eta` tant delikata tal-formazzjoni tieghu.

Irrizulta wkoll illi l-assenza tal-omm fil-hajja tat-tifel tmur lura tista` tghid, sa mill-bidu nett ta' hajtu, kemm fizikament kif ukoll emozzjonalment. Omm l-attur tirrelata kif wara l-firda tal-partijiet, iz-zjarat tal-konvenuta biex tara lil binha mhux biss kienu jkunu sporadici hafna, izda spiss kienet tkun il-konvenuta stess illi thassar l-appuntament minhabba xi skuza jew ohra, b'dan illi jghaddu xhur minghajr ma tara lil binha.

L-abbandun tal-minuri da parti ta’ ommu l-konvenuta jidher ukoll mill-fatt illi hija naqset milli tattendi laqgha gewwa c-*Child Development Assessment Unit* relatata mal-komportament u l-izvilupp ta' binha, u kien biss l-attur li attenda. Il-fatt li l-konvenuta m’ghandha l-ebda interess lanqas illum li tibni xi rapport ma’ binha huwa manifest ukoll mill-fatt illi injorat kompletament C il-proceduri billi la pprezentat risposta guramentata u lanqas ma dehret ghall-ebda wahda mis-seduti.

Hija ghalhekk il-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti illi l-interess suprem tal-minuri jiddetta illi l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tigi affidata esklussivament f’idejn l-attur, inkluz id-decizjonijiet kollha relatati ma' l-istess minuri.

**Dwar Manteniment ghall-minuri**

Din il-Qorti tinnota li mill-atti ma jirrizultaw ebda provi relatati la mal-introjtu taz-zewg partijiet, u lanqas mal-ispejjez ghat-trobbija ta' l-istess minuri.

Mill-*employment history* tal-partijiet esebita in atti, jirrizulta li filwaqt li l-attur ghandu impjieg fiss, il-konvenuta ma tahdimx. Jirrizulta wkoll li l-konvenuta ghandha kont tal-bank attiv mal-Banif Bank li l-bilanc tieghu varja tul is-snin minn €14,114.58 f'Novembru 2014 ghal €11,205.38 fi Frar 2015 ghal €7,152.16 f'Marzu 2015 ghal €118.91 f'Dicembru 2015, li huwa l-ahhar bilanc li jirrizulta mill-atti.

Tenut kont li l-obbligu tal-manteniment tal-ulied jaqa' fuq iz-zewg partijiet qua genituri ta' iben minuri, il-Qorti qed tiddeciedi illi l-konvenuta ghandha l-obbligu li tivversa lill-attur is-sehem taghha tal-manteniment tal-minuri. Fic-cirkostanzi, stante li mill-atti irrizulta li l-konvenuta ma tahdimx, il-manteniment li ser jigi hawn stabbilit huwa wiehed minimu bid-dritt tal-attur li fil-futur jitlob revizzjoni tar-rata hawn stabbilita' jekk jirrizulta 'il quddiem li ghandha introjtu. Ghaldaqsant il-Qorti thoss li l-manteniment li l-konvenuta ghandha tibda tivversa ghal binha huwa dak ta' mija u ħamsin Euro (€150) fix-xahar liema manteniment jinkludi wkoll l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri.

<u>Dwar il-beneficcji socjali</u>

Il-Qorti tinnota li permezz ta' digriet tat-23 ta' Frar 2016, diga ddikjarat li c-*children's allowance* ghandu jkun percepibbli esklussivament mill-attur u ordnat lid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali sabiex johrog il-pagament relattiv fuq l-attur, b'effett mill-11 ta' Jannar 2016.

Din il-Qorti sejra ghalhekk tghaddi biex tikkonferma dan id-digriet u tilqa` t-tielet talba tal-attur.

**Decide**

Ghal C il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenuta:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri F B imwieled fis-27 ta' Jannar 2013 tigi affidata esklussivament f'idejn missieru l-attur, b'dan illi d-decizjoniiet kollha li jolqtu l-minuri jittiehdu minnu biss, inkluz decizjonijiet relatati mal-edukazzjoni, is-sahha u r-religjon tal-minuri.

2. Tiffissa s-somma ta' mija u ħamsin Euro (€150) kull xahar pagabbli mill-konvenuta lill-attur bhala manteniment ghall-minuri, liema manteniment jinkludi wkoll l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri.

3. Tilqa` t-tielet talba attrici u tiddikjara li kwalunkwe beneficcju socjali in konnessjoni mal-istess minuri ghandu jkun percepibbli esklussivament mill-attur, inkluz ic-*childrens' allowance* b'effett mill-11 ta' Jannar 2016.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**Imhallef** **Deputat Registratur**